

Brussell, 26 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13950/22

Fajl Interistituzzjonali:
2022/0327(NLE)

VISA 166
MIGR 313
COASI 187

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sospensjoni sħiħa tal-applikazzjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Vanuatu dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir – Adozzjoni

1. Fit-12 ta' Ottubru 2022, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-sospensjoni sħiħa tal-applikazzjoni tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika ta' Vanuatu dwar l-eżenzjoni mill-viża għal soġġorn qasir¹.
2. Fit-13 ta' Ottubru 2022, il-Grupp ta' Hídma dwar il-Viża qabel dwar din il-proposta.
3. Din id-Deċiżjoni tikkostitwixxi żvilupp tad-dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen li fihom l-Irlanda ma tiħux sehem, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE². Għalhekk l-Irlanda mhix qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew soġġetta għall-applikazzjoni tagħha.

¹ 13509/22.

² Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/192/KE tat-28 ta' Frar 2002 rigward it-talba tal-Irlanda biex tieħu sehem f'xi dispożizzjonijiet tal-*acquis* ta' Schengen (ĠU L 64, 7.3.2002, p. 20).

4. Fid-dawl ta' dan, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill imsemmija hawn fuq kif iffinalizzata mill-ġuristi lingwisti, kif tinsab fid-dokument 13631/22, bħala punt "A" fuq l-aġenda ta' laqgħa li jmiss.

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali skont ir-regoli applikabbli.
